

Brussell, 28 ta' April 2016  
(OR. en)

8255/16

ENV 244

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                       |
|----------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                      |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                         |
| Nru dok. Cion: | 7477/16 ENV 186 + ADD 1                                                                                                                                                                                               |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' XXX li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għall-kompjuters, għal-laptops u għat-tablets<br>- Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni |

1. Billi l-miżuri previsti huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' miżuri msemmi hawn fuq<sup>1</sup> għal skrutinju f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.<sup>2</sup>

<sup>1</sup> 7477/16 +ADD 1 - D038863/05.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' miżuri permezz ta' proċedura bil-miktub informali u qabel li ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tagħhom.<sup>3</sup>
3. Għalhekk, is-Segretarjat Ġenerali jissuġġerixxi li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemmx raġunijiet għall-oppożizzjoni tal-abbozz ta' miżuri. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihomx, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri proposti f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

---

---

<sup>3</sup> L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista' jopponi, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, l-adozzjoni ta' miżuri bħal dawn għar-raġuni li dawn jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, ma jkunux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma jikkonformawx mal-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.